# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 26 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 1732/98**

**Numru 36**

**Elmo Insurance Services Limited, in rappresentanza tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Locano u l-istess Michael Locano**

**vs**

**Christopher Micallef**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici et ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' seba' mija wiehed u hamsin lira hamsa u sittin centezmu (Lm751.65c) in kwantu ghal sitt mija u wiehed liri hamsa u sittin centezmu (Lm601.65c) lis-socjeta attrici Elmo Insurance Services Limited noe u in kwantu ghal mija u hamsin lira (Lm150) lill-attur Michael Locano, in linea ta' danni - mill-konvenut kagunati u minnhom subiti - in segwitu ghal incident awtomobilisitku li gara Zebbug fit-22 ta' Frar 1997,

meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru A-0667 habat mal-vettura Nru O-0112 propjeta' tal-attur Michael Locano u misjuqa minnu - prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju 1997 u dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju presentant fit-8 ta' Lulju 1997, u bl-imghax legali mill-4 ta' Gunju 1997, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici et sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma dehritx fit-12 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm601.65,0 u lill-attur Michael Locano s-somma ta' Lm150 bl-imghax legali mill-erbgha (4) ta' Gunju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-

ittra ufficjali tal-4 ta' Gunju 1997 u tal-mandat ta' qbid kawtellatorju tat-8 ta' Lulju 1997.

Alan Calleja
Dep.Reg